

31990D0424

18.8.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 224/19

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-26 ta' Ġunju 1990
dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju

(90/424/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi annimali ħajjin u prodotti li joriġinaw minn annimali jidhru fuq il-lista ta' l-Anness II tat-Trattat; billi trobbija ta' annimali ħajjin u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li joriġinaw minn annimali huma sors ta' dħul għal parti kbira tal-popolazzjoni agrikola;

Billi l-iżvilupp razzjonali ta' dan is-settur u t-titjib fil-produttività jistgħu jkunu miksuba b'miżuri veterinarji mmirati lejn il-protezzjoni u ż-żieda tas-saħħa tal-pubbliku u ta' l-annimali fil-Komunità;

Billi biex jintlaħaq l-iskop hemm bżonn li l-Komunità ttipprovdi għajjnuna għall-azzjonijiet illi jittieħdu jew maħsuba li ser jittieħdu;

Billi l-Komunità ser tadotta miżuri li għandhom l-iskop illi b'mod progressiv jiġi stabbilit suq intern tul perjodu li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 1992;

Billi, f'dan il-qafas, il-Komunità għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-qerda, kemm jista' jkun malajr, ta' kull tixrid ta' mard infettiv serju;

Billi huwa wkoll neċċessarji li tiġi pprevenuta u mnaqqsa, b'miżuri approprijati ta' kontroll, il-preżenza ta' zonosijiet li huma ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem;

Billi l-istrateġija ġdida ta' kontroll teħtieġ ir-rażan ta' kontrolli fil-fruntieri interni u l-armonizzazzjoni tas-sistema ta' kontroll għall-prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi; billi jidher li hu xieraq li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dik l-istrateġija billi tiġi pprovdata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-bidu u l-iżvilupp ta' l-istrateġija l-ġdida;

Billi l-armonizzazzjoni tal-ħtiġiet essenzjali li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku, il-protezzjoni ta'

saħħa ta' l-annimali u l-protezzjoni ta' l-annimali tippresupponi li l-Komunità taħtar laboratorji li jaħdmu flimkien u ta' riferenza u li jittieħdu azzjonijiet tekniċi u xjentifiċi; billi jidher li hu xieraq li l-Komunità ttipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja; billi, fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali b'mod partikolari, huwa mixtieq li tinħoloq *database* biex tinġabar, tinħażen u tixxerred kull informazzjoni neċċessarja;

Billi l-miżuri għall-qerda ta' ċertu mard ta' l-annimali diġà jikkwalifika għal għajjnuna finanzjarja mill-Komunità; billi d-dispożizzjonijiet konċernati jinkludu dawk adottati b'Direttiva tal-Kunsill 77/391/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 li introduċew miżuri tal-Komunità għall-qerda tal-bruċellożi, it-tuberkulożi u l-lewkożi fl-ifrat ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 ⁽⁵⁾, id-Direttiva tal-Kunsill 82/400/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1982 li emendat id-Direttiva 77/391/KEE u li introduċiet miżura supplementari tal-Komunità għall-qerda tal-bruċellożi, it-tuberkulożi u l-lewkożi ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/145/KEE ta' l-20 ta' Frar 1989 li introduċiet miżura finanzjarja tal-Komunità għall-qerda ta' *pleuropneumonia* kontaġjuża taċ-ċanga (CBPP) fil-Portugall ⁽⁷⁾, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 80/1096/KEE tal-11 ta' November 1980 li introduċiet miżuri finanzjarji tal-Komunità għall-qerda ta' deni klassiku tal-majjal ⁽⁸⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 87/488/KEE ⁽⁹⁾ id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/649/KEE tas-16 ta' Diċembru 1986 li introduċiet miżura finanzjarja tal-Komunità għall-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fil-Portugall ⁽¹⁰⁾, kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 89/577/KEE ⁽¹¹⁾, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/650/KEE tas-16 ta' Diċembru 1986 li introduċiet miżura finanzjarja tal-Komunità għall-qerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fi Spanja ⁽¹²⁾, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/455/KEE tal-24 ta' Lulju 1989 li introduċiet miżuri tal-Komunità sabiex iwaqqfu proġett pilota għall-kontroll tar-rabja sabiex tinqered jew għall-prevenzjoni tagħha ⁽¹³⁾; billi huwa tal-fehma illi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità li huma maħsuba sabiex jinqered il-mard li hemm riferenza għalih aktar' l fuq jkomplu jkunu rregolati bid-Deċiżjoni li għandha x'taqsam magħhom; billi, xorta waħda, fejn għandu x'jaqsm mal-miżuri addizzjonali għall-qerda tal-bruċellożi, it-tuberkulożi u l-lewkożi fil-frat, kif ipprovdut fid-Deċiżjoni 87/58/KEE ⁽¹⁴⁾, jista' jidher li tkun iġġustifikata, fl-interessi tal-konsistenza, sabiex tiġi pprovduta l-possibilità li jiddied il-livell tal-kontribuzzjoni

⁽⁴⁾ ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 14.

⁽⁵⁾ ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 9.

⁽⁶⁾ ĠU L 173, tad-19.6.1982, p. 18.

⁽⁷⁾ ĠU L 53, tal-25.2.1989, p. 55.

⁽⁸⁾ ĠU L 325, ta' l-1.12.1980, p. 5.

⁽⁹⁾ ĠU L 280, tat-3.10.1987, p. 26.

⁽¹⁰⁾ ĠU L 382, tal-31.12.1986, p. 5.

⁽¹¹⁾ ĠU L 322, tas-7.11.1989, p. 21.

⁽¹²⁾ ĠU L 382, tal-31.12.1986, p. 9.

⁽¹³⁾ ĠU L 223, tat-2.8.1989, p. 19.

⁽¹⁴⁾ ĠU L 24, tas-27.1.1987, p. 51.

⁽¹⁾ ĠU C 84, tat-2.4.1990, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 149, tat-18.6.1990.

⁽³⁾ ĠU C 168, ta' l-10.7.1990, p. 5.

finanzjarja tal-Komunità sa 50 % ta' l-ispiża li tintefaġ mill-Istati Membri għall-qatla ta' l-ifrat;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet għal miżura finanzjarja tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard ta' l-annimali; billi l-miżuri finanzjarji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza tal-mard ta' l-annimali li jinvolvu spejjeż ta' bilfors mill-estimi tal-Komunità għandhom jinġabu flimkien taħt kap wieħed;

Billi huwa xieraq li d-dmir li jittieħdu miżuri ta' applikazzjoni jgħaddi għand il-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tipprovdi l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal:

- miżuri veterinarji speċifiċi,
- miżuri ta' spezzjoni fil-kamp veterinarju,
- programmi għall-qerda u sorveljanza ta' mard ta' l-annimali.

Din id-Deċiżjoni m'għandiex taffetwa l-għażla li għandhom ċerti Stati Membri li jkunu eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ta' aktar minn 50 % skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2052/88 ta' l-24 ta' Ġunju 1988 dwar il-Ħidmiet tal-Fondi Strutturali u l-effettività u l-koordinament ta' l-attivitàjiet ta' bejniethom u ma' l-operazzjonijiet tal-bank Ewropew ta' Investiment u strumenti oħra eżistenti ⁽¹⁾.

IT-TITOLU 1

MIŻURI VETERINARJI SPEĊIFIĊI

L-Artikolu 2

Miżuri veterinarji speċifiċi għandhom jinkludu:

- miżuri ta' emerġenza,
- il-kampanja kontra l-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer,
- miżuri għall-protezzjoni ta' l-annimali,
- kontribuzzjoni għall-iskemi nazzjonali għal qerda ta' ċertu mard,
- miżuri tekniċi u xjentifiċi.

(1) ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 9.

Il-kapitolu 1

Miżuri ta' emerġenza

L-Artikolu 3

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw fil-każ illi tiġri waħda minn dawn il-mardiet li ġejjin fit-territorju ta' Stat Membru:

- pesta ta' l-ifrat *rinderpest*,
- pesta tan-nagħaġ u l-mogħoż,
- marda vexxikulari tal-ħnieżer,
- *blue tongue*,
- il-marda *Teschen*,
- pesta ta' l-għasafar,
- ġidri fuq nagħgajewġidri fuq mogħża,
- id-deni *Rift Valley*,
- il-marda *lumpy skin*,
- mard Afrikan taż-żwiemel,
- stomatite vexxikulari,
- *Venezuelan equine viral encephalomyelitis*.

2. L-Istati Membri konċernati għandhom jiksbu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-qerda tal-marda, bil-kondizzjoni illi l-miżuri li japplikaw immedjatament jinkludu għall-anqas l-iżolament tar-razzett miż-żmien tas-suspett u, wara konferma uffiċjali tal-marda:

- il-qtil ta' annimali li jappartienu għal speċi suxxettibbli li huma affettwati jew kontaminati jew suspettati li huma affettwati jew kontaminati, u l-qerda tagħhom, u, f'każ ta' pesta ta' l-għasafar, d-distruzzjoni tal-bajd,
- il-qerda ta' għalf kontaminat u tagħmir kontaminat, fejn dan ta' l-aħħar ma jistax ikun diżinfettat skond it-tielet daħla,
- it-tindif, diżinsettizzazzjoni u diżinfettazzjoni tar-razzett u t-tagħmir f'dawn l-irzietet,
- it-twaqqif ta' żoni ta' protezzjoni,
- l-impożizzjoni ta' miżuri approprijati sabiex jipprevienu r-riskju tat-tixrid ta' infezzjoni,
- it-twaqqif ta' perjodu ta' stennija li għandu jiġi osservat wara l-qatla qabel ma jerġa' jintrama r-razzett,
- kumpens mgħaġġel u adegwat għall-bdiewa li jrabbu l-annimali.

3. L-Istati Membri konċernati għandhom, mingħajr dewmien, jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri applikati skond il-leġislazzjoni tal-Komunità dwar in-notifika u l-qerda u r-riżultati tagħhom. Is-sitwazzjoni għandha tkun eżaminata kemm jista' jkun f'malajr fi ħdan il-Kumitat Veterinarju Permanenti li minn issa l quddiem imsemmi bħala "l-Kumitat", imwaqqaf bid-Deċiżjoni 68/361/KEE ⁽²⁾ Il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika mill-Komunità għandha tiġi deċiża skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, mingħajr preġudizzju

(2) ĠU L 255, tat-18.10.1968, p. 23.

għall-miżuri li hemm fil-kuntest ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

4. Jekk, minħabba l-iżvilupp tas-sitwazzjoni fil-Komunità, tiġi ppruvata neċessarja li t-tkomplija tal-miżuri li hemm fil-paragrafu 2, deċiżjoni ġdida li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, li tista' taqbeż il-figura ta' 50 % stabbilita fl-ewwel daħla tal-paragrafu 5, tista tkun adottata skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 40. Meta din id-Deċiżjoni tkun adottata, kull miżura li l-Istati Membri konċernati għandhom jieħdu sabiex jassiguraw is-suċċess ta' l-azzjoni li tista' tiġi stabbilita, u b'mod partikolari miżuri oħra ħliet daww imsemmija fil-paragrafu 2.

5. Mingħajr preġudizzju għal miżuri li jappoġġaw is-suq li għandhom jittieħdu bħala parti mill-organizzazzjoni komuni tas-swieq, il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, maqsuma jekk hemm bżonn f'diversi fergħat, għandhom ikunu:

- 50 % ta' l-ispiża li tintefaq mill-Istati Membri sabiex jikkompensaw is-sidien għall-qatla, il-qerda ta' l-annimali u, fejn xieraq, il-prodotti tagħhom, għat-tindif, diżinsettazzjoni u diżinfettazzjoni ta' l-irziezet u t-tagħmir u għall-qerda ta' għalf kontaminat u tagħmir kontaminat li hemm referenza għalih fit-tieni daħla tal-paragrafu 2,
- fejn it-tilqim ġie deċiż skond il-paragrafu 4, 100 % ta' l-ispiża tal-forniment tat-tilqim u 50 % ta' l-ispiża li tintefaq biex isir it-tilqim.

L-Artikolu 4

1. L-Artikolu 3 għandu japplika fil-każ illi jkun hemm id-deni Afrikan tal-ħnieżer jew ta' *pleuropneumonia* kontaġjuża taċ-ċanga fit-territorju, jew parti mit-territorju, ta' Stat Membru li mhuwiex suġġett għal pjan ta' qerda ta' dik il-marda skond id-dispożizzjonijiet tal-Komunità.

2. Fil-każ tal-marda ta' Newcastle fit-territorju ta' Stat Membru, l-Artikolu 3 għandu japplika.

Iżda, ħliet fejn il-Kummissjoni tieħu deċiżjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, li tawtorizza, fuq ċerti kondizzjonijiet jew għal perjodu limitat jew arja limitata, r-rikors għat-tilqim, l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità ma tingħata għal forniment tat-tilqim jew sabiex isir it-tilqim.

L-Artikolu 5

1. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, il-Kummissjoni, fuq talba ta' Stat Membru, għandha żżid mal-lista fl-Artikolu 3(1) marda eżotika li għaliha dikjarazzjoni hi mandatorja u li x'aktarx tikkostitwixxi perikolu għall-Komunità.

2. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, il-lista ta' l-Artikolu 3(1) tista' tkun supplementata skond l-iżviluppi tas-sitwazzjoni, sabiex tinkludi mard li għandu jkun innotifikat skond id-Direttiva 82/894/KEE u mard li jista' jgħaddi għal ħut, jew

emendat jew imqassar, sabiex tittieħed kondizzjoni tal-progress illi jkun sar mal-miżuri deċiżi fil-livell tal-Komunità sabiex jiġi kkontrollat ċertu mard, b'mod partikolari deni klassiku tal-majjal.

3. L-Artikolu 3(2) jista' jkun supplementat jew emendat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, b'mod partikolari biex tittieħed kondizzjoni ta' l-inklużjoni ta' mard ġdid fil-lista fl-Artikolu 3(1), ta' l-esperjenza akkwistata jew ta' l-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Komunità li jikkonċernaw kontroll tal-mard.

L-Artikolu 6

1. Meta Stat Membru jkun direttament mhedded bil-ġrajja jew l-iżvilupp, fit-territorju ta' pajjiż terz ta' ma' ġenbu jew Stat Membru, ta' waħda mill-mardiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3(1), 4(1) u (2) jew 11(1), hu għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li huma maħsuba li jittieħdu għal protezzjoni tiegħu.

2. Malli jkun possibbli, is-sitwazzjoni għandha tkun eżaminata fi ħdan il-Kumitat li jagħmel riferenza għalih l-Artikolu 41. Skond il-proċedura stabbilita f'dak l-Artikolu, jista' jiġi deċiż illi jiġu adotati miżuri approprijati għas-sitwazzjoni inklużi, b'mod partikolari, it-twaqqif ta' żona li għandha sservi ta' kuxxinett ta' tilqim, u sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għal miżuri li huma meqjusa partikolarment bżonjużi għas-suċċess ta' l-azzjoni meħuda.

3. Id-deċiżjoni li hemm riferenza għaliha fil-paragrafu 2 għandha turi l-ispejjeż eliġibbli u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

L-Artikolu 7

1. Il-Komunità tista' tiddeċiedi, fuq talba ta' Stat Membru, illi l-Istati Membri għandhom iwaqqfu ħażniet ta' prodotti bioloġiċi maħsuba għall-kontroll tal-mard li hemm referenza għalih fl-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1) (tilqim, *serotypes* ta' vajrus standarizzat, *sera* djanjostiċi) u, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni prevista fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 85/511/KEE, fl-Artikolu 11(1) ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-azzjoni li jagħmel riferenza għaliha fil-paragrafu 1, u r-regoli għall-implimentazzjoni tagħha, b'mod partikolari daww li għandhom x'jaqsmu ma' l-għażla, il-produzzjoni, il-ħażna, it-trasport u l-użu ta' dawn il-ħażniet, u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, għandha tkun deċiża skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 8

1. Jekk ikun hemm jew tiżviluppa waħda mill-mard imsemmija fl-Artikoli 3(1), 4(1), 5(1) jew 11(1) jista' jkun ta' perikolu għall-Komunità, il-Komunità tista' tagħti l-appoġġ sabiex ikun hemm miżuri ta' kontroll kontra dik il-marda billi tipprovdi t-tilqim jew billi tiffinanzja x-xiri tat-tilqim.

2. L-azzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ir-regoli għall-implimentazzjoni tagħha, il-kondizzjonijiet li għalihom tista' tkun suġġetta u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 9

1. Il-Kummissjoni għandha tesegwixxi, bil-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, verifiki fuq il-post, mill-lat veterinarju, illi l-miżuri adottati kienu applikati.

2. L-Istati Membri għandhom jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jiffaċilitaw dawn il-verifiki, u għandhom, b'mod partikolari, jassiguraw illi l-esperti jkollhom aċċess għall-informazzjoni u d-dokumenti kollha neċessarji sabiex jistimaw jekk il-miżuri ġewx implimentati.

3. Ir-Regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, partikolarment dawk li għandhom x' jaqsmu mal-frekwenza u l-metodu ta' kif isiru l-verifiki li jagħmel referenza għalihom il-paragrafu 1, il-ħatra ta' esperti veterinarji u l-proċedura li għandhom isegwu fil-kumpilazzjoni tar-rapport tagħhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 10

Il-voti mitluba għall-miżuri li jagħmel referenza għalihom dan il-kapitolu għandhom ikunu deċiżi kull sena bħala parti mill-proċedura ta' l-estimi.

Il-kapitolu 2

Il-kampanja kontra il-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer

L-Artikolu 11

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw fil-każ illi tfaqqa' il-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer fit-territorju ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiksbu kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità għall-qerda tal-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer, bil-kondizzjoni illi l-miżuri provduti fl-Artikolu 3(2) u d-dispożizzjonijiet approprijati tad-Direttiva tal-Kunsill 85/511/KEE tat-18 ta' Novembru 1985 li introduċew miżuri għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 90/423/KEE ⁽²⁾, għandhom japplikaw immedjatament.

3. L-Artikolu 3(3) għandu japplika.

4. Mingħajr preġudizzju għall-miżuri li għandhom jittieħdu fil-kuntest ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq sabiex jappoġġaw is-suq, il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika f'din id-Deċiżjoni għandha tkun ugwali għal 60 % ta' l-ispiża minfuqa mill-Istati Membri sabiex:

⁽¹⁾ ĠU L 315, tas-26.11.1985, p. 11.

⁽²⁾ ĠU L 224, tal-18.8.1990, p. 13.

(a) jiġu kumpensati il-proprietarji għal:

(i) qtil u qerda ta' l-annimali,

(ii) il-qerda tal-ħalib,

(iii) it-tindif u d-diżinfezzjoni ta' l-azjendi,

(iv) il-qerda ta' għalf kontaminat u fejn ma jistgħax ikun diżinfettat, tagħmir kontaminat,

(v) telf inkors mill-bdiewa bħala riżultat tar-restrizzjonijiet imposti fuq in-negozju ta' bhejjem u annimali li ssemnu fil-mergħat bħala riżultat ta' l-introduzzjoni mill-ġdid ta' tilqim ta' emerġenza, skond is-subparagrafu ta' qabel l-aħħar fl-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 85/511/KEE;

(b) Fejn applikabbli, it-trasport tal-karkassi sa l-impjanti ta' l-ipproċessar;

(c) kull miżura oħra li hi neċessarja għall-qerda tat-tixrid tal-marda.

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 41, tiddefinixxi n-natura tal-miżuri l-oħrajn li hemm referenza għalihom f'(c) li jistgħu jkunu eleġibbli għall-istess kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità u l-każijiet li għalihom il-punt (a)(v) għandu japplika.

5. Għall-ewwel darba mhux aktar tard minn 45 ġurnata mill-konferma uffiċjali ta' l-ewwel każ tal-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer, u sussegwentement kif u meta jkun hemm bżonn bl-iżvilupp tal-każijiet, is-sitwazzjoni għandha tkun ri-eżaminata fi ħdan il-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 42. Dan l-eżami għandu jkopri kemm is-sitwazzjoni veterinarja u l-ispiża stimata li diġà ntefqu jew huma kommessi. Wara dan l-eżami, deċiżjoni ġdida li tikkonċerna il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, li tista' tkun aktar minn 60 % provdut fil-paragrafu 4, tista' tkun adottata skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 42. Din id-Deċiżjoni għandha turi l-ispejjeż eliġibbli u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità. Kif ukoll, meta din id-Deċiżjoni tkun adottata, kull miżura li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu sabiex jiġi assigurat is-suċċess ta' l-azzjoni tista' tkun adottata, b'mod partikolari miżuri oħra barra dawk li jagħmel referenza għalihom il-paragrafu 2.

6. Però, b'deroga għall-paragrafu 4, il-kontribuzzjoni finanzjarja speċifika mill-Komunità għall-miżuri li jagħmel referenza għalihom dak il-paragrafu għandha tkun 70 % sal-1 ta' Jan-
nar 1995.

L-Artikolu 12

Kull miżura deċiża mill-Komunità sabiex tgħin il-kampanja kontra l-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer l-barra mill-Komunità, b'mod partikolari miżuri li jittieħdu fi ħdan l-Artikolu 6 u 8, jistgħu jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

L-Artikolu 13

Il-miżuri u r-regoli għall-implimentazzjoni tal-miżuri li jagħmel referenza għalihom l-Artikolu 12, il-kondizzjonijiet li għalihom jistgħu jkunu soġġetti u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun deċiża skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 42.

L-Artikolu 14

Tista' tingħata għajnuna mill-Komunità sabiex titwaqqaf riserva Komunitarja kontra il-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer kif ipprovdut fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 85/511/KEE.

Il-livell ta' parteċipazzjoni mill-Komunità u l-kondizzjonijiet għal din il-partiċipazzjoni tista' tkun soġġetta għandhom ikunu stabbiliti skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 42.

L-Artikolu 15

L-appropriazzjonijiet mitluba għall-miżuri kif speċifikati fl-Artikoli 12, 13 u 14 għandhom ikunu deċiżi kull sena bħala parti mill-proċedura ta' l-estimi.

Jekk tixrid serju tal-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer ikun jeħtieġ inċiż taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kapitolu li jeċċedi l-voti skond l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tieħu dawk il-miżuri neċessarji li huma fil-poteri eżistenti tagħha u tressaq lill-awtorità ta' l-estimi l-proposti neċessarji sabiex jiġi assigurat illi l-irbit finanzjarju ta' l-Artikolu 11 jiġi esegwit.

Il-miżuri provduti fl-Artikolu 11 għandhom jitqiesu bħala intervent li hu inkluż fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

Il-kapitolu 3

Protezzjoni ta' l-annimali

L-Artikolu 16

Il-Komunità għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja sabiex titwaqqaf politika ta' informazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali, li tinkludi:

- l-installazzjoni u l-iżvilupp ta' sistema, inkluż *database* approprijat għall-għbir u l-ħażna ta' l-informazzjoni li għandha x'taqsam mal-legislażzjoni tal-Komunità li tikkonċerna l-protezzjoni ta' l-annimali li jinżammu għall-iskop ta' biedja, il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u l-protezzjoni ta' l-annimali għall-qatla, u sabiex tixxerred din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, produtturi u konsumaturi,
- li jsiru l-istudji neċessarji għall-preparazzjoni u l-iżvilupp tal-legislażzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-annimali.

L-Artikolu 17

Il-miżuri li jagħmel referenza għalihom l-Artikolu 16, ir-regoli għall-implimentazzjoni tagħhom u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom ikunu deċiżi skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 18

Il-voti li huma mitluba għall-miżuri speċifikati f'dan il-kapitolu għandhom ikunu deċiżi kull sena bħala parti mill-proċedura ta' l-estimi.

Il-kapitolu 4

Miżuri tekniċi u xjentifiċi

L-Artikolu 19

Il-Komunità għandha tieħu, jew tassisti lill-Istati Membri sabiex jieħdu, il-miżuri tekniċi u xjentifiċi neċessarji għall-iżvilupp ta' legislażzjoni veterinarja.

L-Artikolu 20

Il-miżuri li jagħmel referenza għalihom l-Artikolu 19, ir-regoli għall-implimentazzjoni tagħhom u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun deċiżi skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 21

L-appropriazzjonijiet rikjesti għall-miżuri pprovduti f'dan il-kapitolu għandu jkun deċiż kull sena bħala parti mill-proċedura ta' l-estimi.

IT-TITOLU II

Programm għall-gerda u s-sorveljanza tal-mard ta' l-annimali

L-Artikolu 22

1. Il-partiċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-gerda tal-bruċellożi taċ-ċanga, tuberkolożi u lewkożi għandha — mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 25(1) — tkun iffissata bid-:

- Direttiva 77/391/KEE,
- Direttiva 82/400/KEE,
- Deċiżjoni 87/58/KEE.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-gerda tal-*pleuropneumonia* kontaġjuża taċ-ċanga għandha tkun iffissata bid-Deċiżjoni 89/145/KEE.

L-Artikolu 23

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn il-gerda tad-deni klassiku tal-majjal għandha tkun iffissata bid-Deċiżjoni 80/1096/KEE.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn il-gerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer għandha tkun iffissata bid-:

- Deċiżjoni 86/649/KEE,
- Deċiżjoni 86/650/KEE,
- Deċiżjoni tal-Kunsill 90/217/KEE tal-25 ta' April 1990 fuq l-għajnuna finanzjarja mill-Komunità għall-gerda tad-deni Afrikan tal-ħnieżer f'Sardenja ⁽¹⁾.

(¹) ĠU L 116, tat-8.5.1990, p. 24.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn il-qerda tal-bruċellożi ovina għandha tkun iffissata b'Deċiżjoni tal-Kunsill 90/242/KEE tal-21 ta' Mejju 1990 li introduċiet miżura finanzjarja mill-Komunità għall-qerda tal-bruċellożi fin-nagħaġ u l-mogħoż⁽¹⁾.

4. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-qerda ta' *hematopoeitic necrosis* infettiva għandha tiġi ffixsata, qabel il-31 ta' Diċembru 1990, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill li introduċiet miżura finanzjarja mill-Komunità għall-qerda tas-*salmonid hematopoeitic necrosis* infettiva mill-Komunità.

L-Artikolu 24

1. Għandha tiġi introdotta miżura finanzjarja mill-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza tal-mard elenkat fl-Anness. Din il-lista tista' tkun supplementata jew emendata skond l-iżvilupp fis-sitwazzjoni tas-saħħa fil-Komunità skond il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni.

2. Qabel l-1 ta' Ottubru 1990, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jipprova l-kriterji tal-Komunità applikabbli għall-miżura li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1. Iżda, għall-mard li għalihom il-Komunità diġa pprovdiet kriterji Komunitarji applikabbli għall-miżura li għandha tittieħed, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-Kummissjoni programm skond il-paragrafu 3 la darba notifika ta' din id-Deċiżjoni tkun ingħatat.

3. Meta jingħata programm lill-Kummissjoni, l-Istati Membri konċernati għandhom jagħtu l-informazzjoni finanzjarja kollha approprijati u għandhom jindikaw b'mod partikolari l-istima totali ta' l-ispiża annwali sabiex jitwettaq dan il-programm. Dan il-programm, li seta kien emendat wara eżami mill-Kummissjoni, għandu jkun approvat skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41.

4. Għal kull programm, il-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, u l-kondizzjonijiet li għalihom jista' jkun suġġett, għandu jkun deċiż skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41.

5. Talba għall-pagament għandha tgħodd għall-ispiża minfuqa mill-Istati Membri konċernati matul is-sena kalendarja u għandha tingħata lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara.

6. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar l-għajjnuna, wara li tikkonsulta mal-Kumitat.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel spezzjonijiet fuq il-post regolament, bil-kooperazzjoni ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, dwar l-applikazzjoni ta' programmi li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

8. Il-Kummissjoni għandha regolament, għall-anqas darba f'sena, tagħti informazzjoni lill-Istati Membri fil-Kumitat, fuq

il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri konċernati, li għandha tagħmel rapport dettaljat mill-Kummissjoni flimkien mat-talba tagħhom għall-pagament u, fejn applikabbli, fuq il-bażi tar-rapporti mill-esperti li, wara jinħatar mill-Kummissjoni u fuq ħidma għall-Komunità, ikunu għamlu spezzjonijiet fuq il-post.

9. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 25

1. Minkejja l-Artikoli 22, 23, u 24, il-livell ta' parteċipazzjoni finanzjarja Komunitarja għall-programmi li għandhom x'jaqsmu mal-mard li jagħmel riferenza għalihom fl-Artikoli msemmija għandu jkun iffissat mill-Kummissjoni, skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41, għal 50 % ta' l-ispiża minfuqa mill-Istati Membri bħala kumpens lis-sidien għall-qatla ta' l-ifrat minħabba il-marda konċernata.

2. Fuq talba ta' Stat Memrbu, il-Kummissjoni għandha, fil-Kumitat Veterinarju Permanenti, terġa' teżamina s-sitwazzjoni fir-rigward tal-mard kopert bl-Artikoli 22, 23 u 24. Dan ir-rieżami għandu jkopri kemm is-sitwazzjoni veterinarja u l-estimi tan-nefqa li tkun diġa ġiet kommessa jew li ħa tkun kommessa. Wara dan ir-rieżami kull Deċiżjoni għal idur il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, li tista teċċedi il-50 % mill-ispiża minfuqa mill-Istati Membri sabiex ikunu kompensati s-sidien għall-annimali maqtula bil-marda konċernata, għandha tkun adottata skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 42.

Meta din id-deċiżjoni tkun adottata, tista' tittieħed kull miżura li l-Istati Membri konċernati jkollhom jieħdu sabiex jassiguraw is-suċċess ta' l-azzjoni.

L-Artikolu 26

L-għajjnuna finanzjarja stmata għal kull sena fuq l-estimi tal-Komunità taħt il-kapitolu tan-nefqa agrikola hi ta' ECU 70 miljun għall-miżuri pprovduti f'dan il-kapitolu.

IT-TITOLU III

SPEZZJONI VETERINARJA

L-Artikolu 27

Il-Komunità għandha tikkontribwixxi sabiex titjeb l-effiċjenza ta' l-ispezzjoni veterinarja billi:

- tingħata għajjnuna finanzjarja sabiex ikun hemm laboratorji li jaħdmu flimkien u ta' riferenza,
- tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja sabiex isiru spezzjonijiet li għandhom l-għan illi jipprevieniu ż-żonosisijiet,

(¹) ĠU L 140, ta' l-1.6.1990, p. 123.

- tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' l-istrategġija ġdida ta' spezzjoni wara t-tkomplija tas-suq intern.

Il-kapitolu 1

Laboratorji ta' kollegament u ta' riferenza

L-Artikolu 28

1. Kull laboratorju li jaħdem flimkien jew ta' referenza li jkun nominat bħala tali skond il-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità u li jaqdi d-dmirijiet u r-rikjesti li hemm imniżżla fihom, jista' jirċevi għajjnuna mill-Komunità.
2. Arranġamenti sabiex tingħata l-għajjnuna msemmija fil-paragrafu 1, il-kondizzjonijiet li għalihom tista' tkun soġġetta u l-ammont, għandu jkun stabbilit skond il-proċedura pprovduta fl-Artikolu 41.
3. Il-voti meħtieġa għall-miżuri pprovduti f'dan il-kapitolu għandhom ikunu deċiżi kull sena bħala parti mill-proċedura ta' l-estimi.

Il-kapitolu 2

Verifiki mmirati sabiex jipprevienu ż-żonosijiet

L-Artikolu 29

La darba ikunu ġew introdotti regoli tal-Komunità għall-kontroll taż-żonosijiet, l-Istati Membri jistgħu, bħala parti minn pjan nazzjonali li għandu jkun approvat mill-Kummissjoni skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 41, ifittxu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-pjan ta' kontroll tagħhom.

L-Artikolu 30

Meta qiegħed jagħti l-pjan ta' kontroll tiegħu lill-Kummissjoni, l-Istat Membru konċernat għandu jforni l-informazzjoni finanzjarja approprijati kollha u għandu jindika b'mod partikolari t-total ta' l-ispiża annwali stmata sabiex jitwettaq il-pjan.

L-Artikolu 31

Għal kull pjan nazzjonali ta' kontroll, il-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, u kull kondizzjoni li għaliha tista' tkun soġġetta, għandha tkun stabbilita skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 32

Għall-iskop ta' dan il-kapitolu, il-paragrafi 5 sa 8 ta' l-Artikolu 24 għandhom japplikaw.

L-Artikolu 33

Il-voti meħtieġa għall-miżuri elenkati f'dan il-kapitolu għandhom ikunu deċiżi kull sena fil-qafas tal-proċedura ta' l-estimi.

Il-kapitolu 3

Strategġija ġdida ta' kontroll

L-Artikolu 34

1. Kull Stat Membru għandu jipprepara programm għall-iskambju ta' uffiċjali li qegħdin jaħdmu fis-settur veterinarju.
2. Fil-Kumitat, il-Kummissjoni Veterinarja Permanenti għandha, flimkien ma' l-Istati Membri, tikkoordina il-programmi ta' skambju.
3. L-Istat Membru konċernat għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji għall-implimentazzjoni tal-programmi koordinati ta' skambju.
4. Kull sena, fuq il-bażi tar-rapporti ta' l-Istati Membri, l-implimentazzjoni tal-programmi għall-iskambju għandhom ikunu eżaminati fi ħdan il-Kumitat.
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu kont ta' l-esperjenza miksuba sabiex itejbu u jestendu l-programmi ta' skambju.
6. Tista' tingħata għajjnuna finanzjarja mill-Komunità bil-viżjoni li jiġi promoss it-tħaddim bla problemi ta' programmi ta' skambju speċjalment billi jsiru l-korsijiet ta' aktar taħriġ li jagħmel referenza għalihom l-Artikolu 36(1). Il-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, u l-kondizzjonijiet li għalihom tista' tkun soġġetta, għandha tkun stabbilita skond il-proċedura provduta fl-Artikolu 41.
7. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 20 u 21 għandhom japplikaw.

L-Artikolu 35

L-Artikolu 34(6) u (7) għandhom japplikaw fir-rigward ta' programmi li għandhom jitwaqqfu skond id-deċiżjoni provduta fl-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 fuq il-verifiki veterinarji applikabbli għall-kummerċ fi ħdan il-Komunità sabiex jissokta is-suq intern⁽¹⁾, sabiex ikunu organizzati l-ispezzjonijiet veterinarji fil-fruntieri esterni fuq prodotti introdotti fil-Komunità minn terzi pajjiżi.

L-Artikolu 36

1. Il-Kummissjoni tista', jew direttament jew permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, torganizza korsijiet ta' tiġdid jew laqgħat għall-persunal fl-Istati Membri, b'mod partikolari, persunalresponsabbli għall-verifiki li jagħmel referenza għalihom l-Artikolu 35.

(¹) ĠU L 395, tat-30.12.1989, p. 13.

2. Arranġamenti għall-organizzazzjoni tal-miżuri pprovduti fil-paragrafu 1 u l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għandhom jitwaqqfu mill-Kummissjoni skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 41.

L-Artikolu 37

1. L-introduzzjoni ta' sistemi sabiex jiġu identifikati annimali u jiġi nnotifikat mard skond il-leġislazzjoni li tikkonċerna verifiki veterinarji fil-kummerċ ta' annimali ħajjin fi ħdan il-Komunità, sabiex jissokta is-suq intern, tista' tirċevi assistenza finanzjarja mill-Komunità.

2. Arranġamenti għall-organizzazzjoni tal-miżura pprovduta fil-paragrafu 1 u l-livell ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandhom jitwaqqfu mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta l-Kumitat.

L-Artikolu 38

1. Fil-każ illi Stat Membru jesperjenza, mil-lat strutturali jew ġeografiku, problemi ta' persunal jew infrastrutturali sabiex jimplimenta l-istrateġija ta' kontroll ġdid li ġgħib magħha it-tlestija tas-suq intern għal annimali ħajjin u prodotti li joriġinaw mill-annimali, hu jista', għal perjodu ta' transizzjoni, jikseb assistenza finanzjarja mill-Komunità li tkun imnaqqsa progressivament.

2. L-Istat Membru konċernat għandu jagħti lill-Kummissjoni programm nazżjonali flimkien ma' l-informazzjoni finanzjarja kollha approprijati, bl-iskop li jtejjeb is-sistema ta' kontroll tiegħu.

3. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 24(3) u 24(5) sa (8) għandhom japplikaw.

L-Artikolu 39

Il-voti meħtieġa għall-miżuri pprovduti f'dan il-kapitolu għandhom jiġu deċiżi kull sena bħala parti mill-proċedura ta' l-estimi.

IT-TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 40

L-Artikoli 8 u 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 tal-21 ta' April 1970 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 2048/88⁽²⁾, għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

⁽¹⁾ ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 185, tal-15.7.1988, p. 1.

L-Artikolu 41

1. Meta il-proċedura prevista f'dan l-Artikolu għandha tintuża, l-affarijiet għandhom mingħajr dewmien jiġu riferuti mill-president, jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' Stat Membru, lill-Kumitat Veterinarju Permanenti stabbilit mid-Direttiva 68/361/KEE⁽³⁾, minn hawn il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat".

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jagħti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz f'terminu ta' żmien li l-president jista' jipprovi skond l-urġenza tal-materja. L-opinjoni għandha tingħata skond il-maġġoranza pprovduta fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' Deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa rikjest li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikollhom piż bil-mod li hu pprovdut f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta il-miżuri previsti jekk dawn ikunu konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri previsti mhumiex konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk l-ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr telf ta' żmien, tagħti lill-Kunsill proposta li għandha x'taqsam mal-miżuri li ser jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Jekk, meta jgħaddi ż-żmien ta' tliet xhur mid-data li saret ir-referenza lill-Kunsill, il-Kunsill jkun għadu ma ħax azzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri proposti u timplimentahom immedjatament.

L-Artikolu 42

1. Meta l-proċedura prevista f'dan l-Artikolu sejra tintuża, il-materji għandhom mingħajr dewmien jiġu riferuti mill-president, jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba ta' Stat Membru, lill-Kumitat.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jagħti lill-Kumitat abbozz ta' miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fi żmien l-ewwel jumejn. L-opinjoni għandha tingħata mill-maġġoranza msemmija fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat f'każ ta' deċiżjonijiet li il-Kunsill hu rikjest li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom jintiżnu skond kif ipprovdut f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta il-miżuri previsti jekk ikunu konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Jekk il-miżuri previsti mhumiex konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat, jew jekk l-ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha mingħajr telf ta' żmien tagħti lill-Kunsill proposta relatata mal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

⁽³⁾ ĠU L 255, tat-18.10.1968, p.23.

Jekk, meta jgħaddi l-perjodu ta' 15-il ġurnata mid-data ta' referenza tal-Kunsill, il-Kunsill ikun għadu ma ħax azzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta il-miżuri proposti u timplimentahom immedjatament.

L-Artikolu 43

1. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/97/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 dwar il-finanzjament mill-Komunità fuq ċerti miżuri ta' emerġenza fil-qasam tas-saħħa ta' l-animali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 qiegħed hawnhekk jiġi mhas-sar b'effett mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 41, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-arranġamenti tal-kumpens il-miżuri

għat-tilqim kontra il-marda taż-żwiemel Afrikana mill-1 ta' Settembru 1989.

2. Iżda, id-Deċiżjonijiet adottati taħt id-Deċiżjoni 77/97/KEE għandhom jibqgħu fis-seħħ.

L-Artikolu 44

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ġunju 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

M. O'KENNEDY

⁽¹⁾ ĠUL 26, tal-31.1.1977, p. 78.

L-ANNESS

LISTA TAL-MARD

Il-Grupp 1

Mard endemiku, bla ħsara għall-kontroll mandatarju jew volontarju u/jew miżuri għall-qerda fuq il-bażi ta' l-ifrat jew tal-merħliet

- Tuberkolożi taċ-ċanga
- Bruċellożi taċ-ċanga
- IBR/IPV (AI + unita ta' l-embrijuni)
- Bruċellożi tan-nagħaġ u tal-mogħoż (*B. melitensis*)
- *Enzootic bovine leukosis* (EBL)
- Il-marda ta' Aujeszky
- *Salmonella pullorum*
- *Salmonella gallinarum*
- *Anthrax*
- *Maedi/Visna* u CAEV
- IBR/IPV (tipi oħra ta' intrapriża)
- Il-marda ta' Johnes (paratuberculosis)
- *Mycoplasma gallisepticum*

Il-Grupp 2

Zoonosijiet jew epizootics mhux kopert x' imkien ieħor

- Rabja
 - *Echinococcosis*
 - *Bovine spongiform encephalopathy* (BSE) jew kull mard ieħor li jiżviluppa bil-mod.
-